4.1 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned qualifications are merited. All correspondence is to be addressed to the

korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

5. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

5.1 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

5.2 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tinthemeż mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

6. **L-ewwel Parti - Effiċjenza Fiżika/Intervista/*Test* Mediku**

6.1 L-applikanti li jikkwalifikaw ikunu meħtieġa li joqogħdu għat-*test* ta' Effiċjenza Fiżika, taħt l-awspiċi tal-Bord ta' Għażla maħtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, biex jiġi żgurat li jkunu f'saħħithom skont l-i*standards* tal-Korp tal-Pulizija.

Il-livell minimu tat-Test fl-Effiċjenza Fiżika hu magħmul minn dawn it-tliet partijiet:

1 Mile Run

Età	*Irġiel*	*Nisa*
18 - 31	10 min	12 min
32 +	10.30 min	12.30 min

receiving Department and copied to the NCPD.

5. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

5.1 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

5.2 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

6. **Part One – Physical Efficiency/Interview/Medical Test**

6.1 Eligible applicants will be subject to a Physical Efficiency Test to be held under the auspices of the PSC Selection Board, to ensure fitness to Malta Police Force standards.

The minimum standards of the Physical Efficiency Test will comprise the following three components:

1 Mile Run

Age	*Males*	*Females*
18 - 31	10 mins	12 mins
32 +	10.30 mins	12.30 mins

Push-Ups (Repetizzjonijiet)

18 - 31	15	10
32 +	13	8

Sit-Ups (Repetizzjonijiet)

18 - 31	25	20
32 +	20	15

Il-kandidati jridu mill-anqas jilħqu l-*istandard* minimu f'kull parti tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika, biex jitqiesu li għaddew mit-*test* fl-Effiċjenza Fiżika. Il-kandidati li ma jgħaddux f'xi wieħed mill-partijiet tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika, ikunu jistgħu jerġgħu joqogħdu għal *re-sit* ta' dak it-*test* partikulari, fi żmien ġimgħa wara li jkun sar l-ewwel test komplut.

Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika li jitħallew joqogħdu għall-intervista estiża.

6.2 Dawk il-kandidati li jgħaddu mill-partijiet kollha tat-*test* fl-Effiċjenza Fiżika jkunu meħtieġa li joqogħdu għall-intervista estiża li tinkludi eżami ta' xeħta sabiex jiġi deċiż jekk il-persuna tkunx adatta għal dan l-impjieg. Tingħata kunsiderazzjoni lill-esperjenza u l-mod kif ikunu qdew dmirijiethom fil-passat membri tal-Korp tal-Pulizija. Huma dawk il-kandidati biss li jgħaddu mill-intervista estiża li jitħallew joqogħdu għat-Tieni Parti tal-proċess ta' għażla.

6.3 L-applikanti li jgħaddu u li m'humiex membri fil-Korp iridu joqogħdu għall-eżami mediku sabiex jiġi aċċertat li huma adatti għal dan il-post.

7. **It-Tieni Parti - Eżami tal-Kwalifika**

7.1 Dawk li jgħaddu mill-Ewwel Parti tal-proċess ta' għażla jkun meħtieġ li jattendu *lectures (part-time)* organizzati mill-Akkademja tal-Pulizija filgħaxija, bi tħejjija għall-Eżami tal-Kwalifika. Dan l-eżami jkun jikkonsisti fi:-

Karta I Proċedura u Investigazzjonijiet tal-Pulizija;

Karta II Rapporti tal-Pulizija u Korrispondenza Uffiċjali;

Karta III Materji Legali Bażiċi.

7.2 Il-kandidati li jiġu dikjarati mill-Bord tal-Għażla maħtur mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, bħala li għaddew mill-Eżami tal-Kwalifika, ikun eliġibbli biex jin ħatru Spetturi tal-Pulizija bi Prova għal sentejn, skont in-numru ta' vakanzi li jkunu jeżistu.

Push-Ups (Repetitions)

18 - 31	15	10
32 +	13	8

Sit-Ups (Repetitions)

18 - 31	25	20
32 +	20	15

Candidates must at least attain the minimum standard in each component of the Physical Efficiency Test to be considered as having gained a pass in the Physical Efficiency Test. Candidates who fail in one component, will be allowed to re-sit that one particular component, within a week from the first complete component.

Only candidates who pass in all the components of the physical test will proceed to the extended interview stage of the selection process.

6.2 Applicants who pass the Physical Efficiency Test will be required to undergo an extended interview, which will include an aptitude test to assess their suitability for the post. The experience and past performance of candidates who are already members of the Force will be given due consideration. Only candidates who are successful in the extended interview will proceed to Part Two of the selection process.

6.3 Successful applicants who are not members of the Police Force will be medically examined to ascertain that they are fit for the post.

7. **Part Two - Qualifying Examination**

7.1 Applicants who are successful in Part One will be required to attend lectures (part-time) organized by the Police Academy during the evening, in preparation for the Qualifying Examination. This examination will consist of:-

Paper I Police Procedure and Investigations;

Paper II Police Reports and Official Correspondence;

Paper III Basic Legal Matters.

7.2 Candidates who are declared by the PSC Selection Board as having been successful in the Qualifying Examination will be eligible to be appointed Probationary Police Inspectors for a two-year period, depending on the number of vacancies available.

7.3 Għal skop ta' ħatra, l-ordni finali tal-meritu jitqies fuq il-marki totali miksuba fl-intervista estiża (para 6.2) u fl-eżami tal-kwalifika (para 7.1).

8. **It-Tielet Parti - Eżami ta' Konferma**

8.1 Barra milli jingħataw dmirijiet normali tal-Pulizija konnessi mal-grad tagħhom, l-Ispetturi tal-Pulizija maħtura bi Prova, jinħtieġ ukoll li jattendu *lectures* f'suġġetti relatati mal-Pulizija u materji legali inklużi fil-kors *part-time* organizzat mill-Università ta' Malta li jwassal għal *Diploma in Policing*. L-eżami finali ta' din id-Diploma jikkostitwixxi t-Tielet Part – Eżami ta' Konferma – ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet.

8.2 Spetturi tal-Pulizija bi Prova li ma jgħaddux fl-Eżami ta' Konferma msemmi fil-paragrafu 8.1, jingħataw opportunità oħra biex jerġgħu joqogħdu għall-eżami finali tal-kors tad-Diploma. Jekk jerġgħu jeħlu, in-nomina tagħhom bħala Spetturi tal-Pulizija bi Prova tiġi mitmuma *ipso facto*.

9. Spetturi tal-Pulizija bi Prova li jgħaddu mit-Tielet Parti – Eżami ta' Konferma, jiġu kkonfermati fil-ħatra tagħhom bħal Spetturi tal-Pulizija.

9.1 Spetturi tal-Pulizija huma mistennija li jservu lill-Gvern ta' Malta għall-perjodu ta' erba' (4) snin u jkunu mitluba li jagħmlu kuntratt fejn jintrabtu li jagħtu garanzija ta' twettiq ta' servizz.

10. L-Ispetturi tal-Pulizija bi Prova jiġu assessjati fuq dmirijiethom kull erba' xhur u r-riżultati jiġi kkomunikati lilhom regolarment. Fil-perjodu ta' prova Spetturi tal-Pulizija bi Prova li ma jirnexxilhomx jilħqu l-livell f'erba' mit-testijiet ikollhom il-ħatra tagħhom mitmuma skont ir-Regolament 19 tar-Regolamenti tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tal-1960.

11. Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gazzetta tal-Gvern u jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

11. 1 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppubblikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku. Dan jiġi esebit fuq il-*website* tal-Kummissjoni kif ukoll fin-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tal-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana.

11.2 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-*Public Service Management Code* għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet

7.3 For the purpose of appointment, the final order of merit will be determined by the total marks obtained in the extended interview (para 6.2) and the qualifying examination (para 7.1).

8. **Part Three - Confirmation Examination**

8.1 Besides being assigned the normal police duties pertaining to their rank, Probationary Police Inspectors will, on appointment, also be required to attend lectures in policing and legal subjects comprising the part-time University of Malta course leading to the Diploma in Policing. The final examination of this Diploma course will constitute Part Three - Confirmation Examination – of this call.

8.2 Probationary Police Inspectors who are not successful in the Confirmation Examination referred to in para 8.1 will be given another chance to re-sit the final examination of the Diploma course. If they again fail, they will have their probationary appointment terminated *ipso facto*.

9. Probationary Police Inspectors who are successful in Part Three will be confirmed in their appointment as Police Inspectors.

9.1 Police Inspectors will be required to serve Government as Inspectors of Police for a period of four (4) years and will be required to sign an appropriate undertaking to that effect.

10. The all round performance of Probationary Police Inspectors will be assessed every four months and the results will be duly communicated to them. Probationary Police Inspectors who fail to attain the required standard in any four assessments will have their appointment terminated in terms of Regulation 19 of the Public Service Commission Regulations, 1960.

11. A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette and will also appear on the website of the Public Service Commission where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt. A press notice will also be issued to all local media organizations.

11.1 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission. This will be exhibited on the Commission's website and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of Police Headquarters, Floriana.

11.2 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions

għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

12. Il-formoli uffiċjali tal-applikazzjoni jinkisbu mit-Taqsima tar-Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana.

13. L-applikazzjonijiet, flimkien ma' żewġ ritratti riċenti daqs tal-passaport u d-dokumenti msemmija f'paragrafu 3 hawn fuq, għandhom jintbagħtu lit-Taqsima Riżorsi Umani, Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Furjana, indirizzati lill-Kummissarju tal-Pulizija, mhux aktar tard minn nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Marzu 2010.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Marzu 2010 jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand id-Dipartiment mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. (In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu 21243067).

15. (a) Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal fl-Uffiċċju tal-Kummissarju tal-Pulizija.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi sad-data tal-għeluq. Tintbagħat irċevuta mill-Kummissarju tal-Pulizija fi żmien sebat (7) ijiem.

It-2 ta' Marzu, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Post ta' *Consultant Surgeon* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex) Ministeru għal Għawdex

Skont klawsola 3.1. tal ftehim Kollettiv kurrenti, nomeklaturi li jindikaw il- maskil jinkludu wkoll il-femminil.

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet mingħand *Medical Practitioners* bi kwalifiki adatti u b'esperjenza għall-post ta' *Consultant Surgeon* fid-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex) Ministeru għal Għawdex.

2. Il-ħatra tkun skont il-provvedimenti tal-ftehim kollettiv bejn il-Gvern u l-*Union*.

are to reach the Commission and the Head of Department within ten (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

12. Application forms may be collected from the Human Resources Branch, Police Headquarters, Floriana.

13. Applications, together with two passport-size photographs, the documents mentioned in paragraph 3 above, will be received in the first instance by the Commissioner of Police, through the Human Resources Branch, Police Headquarters, Floriana by not later than noon of Friday, 26th March 2010.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon of Friday, 26th March 2010 may be considered, provided that all requisite details are given. The formal application form duly signed by the applicant must reach the department by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. (The fax number of the receiving Department is 21243067).

15. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Commissioner of Police and a receipt given at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Commissioner of Police, within seven (7) days.

2nd March, 2010

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Post of Consultant Surgeon in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital) Ministry for Gozo

In accordance with clause 3.1 of the current Collective Agreement, nomeclatures denoting the male gender include also the female gender.

The Public Service Commission invites applications from suitably qualified and experienced Medical Practitioners for the post of Consultant Surgeon in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital), Ministry for Gozo.

2. The appointment shall be made in accordance with the provisions of the collective agreement between Government and the Union.

3.1 Il-ħatra, li tkun bi prova għal sena, hija *full-time* u taqa' taħt ir-regolamenti li jkunu fis-seħħ minn żmien għal żmien fis-Servizz Pubbliku ta' Malta u d-Dipartiment tal-*Customer Services* (Sptar Ġenerali ta' Għawdex). Il-persuna nominata tista' tiġi ttrasferita skont l-esiġenzi tas-Serviżż Pubbliku ta' Malta.

3.2. Il-persuna nominata trid tagħżel bejn kuntratt A jew B mal-ħatra tagħha. Hi tkun intitolata għall-benefiċċji u soġġetta għall-kundizzjonijiet u obbligi li huma mniżżlin fi kwalunkwe ftehim rilevanti li japplika bejn il-Gvern u l-*Union* kompetenti.

4.1. Il-persuna fil-ħatra ta' *Consultant Surgeon* tifforma parti mid-Dipartiment tal-*Customer Services* u taqa' taħt id-Direttur tal-*Customer Services*. Hija tkun mistennija li tieħu parti fl-attivitajiet tad-Dipartiment tal-*Customer Services* u tieħu sehem fil-programmi tiegħu ta' tagħlim u ta' riċerka.

4.2. Il-persuna nominata tkun trid taħdem fid-Dipartiment tal-*Customer Services* kif imqabbda mid-Direttur tal-*Customer Services*.

4.3. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel xogħol fil-Kirurġija Ġenerali f'Għawdex u tkun responsabbli għal kura tal-każi kollha tal-kirurġija u tibqa' ssegwihom sal-aħħar. Minbarra dan għandha tkun kapaċi timmaniġġja każi ta' trawma akuta u tipprovdi sorveljanza fil-każ tal-assenza tal-ispeċjalista residenti tal-ortopediku f'każijiet trawmatiċi ta' aspett ortopediku akuti. Hija tkun mistennija li taħdem id f'id ma' kollegi f'Għawdex u f'Malta fl-immaniġġar ta' dawn skont il-ħtieġa.

4.4. Il-persuna nominata tkun trid tagħmel regolarment *General Surgery Clinics* speċjalizzati fl-isptar u tista' tkun meħtieġa li tagħmel regolarment sessjonijiet speċjalizzati fiċ-Ċentri tas-Saħħa skont programmi approvati dwar kura fil-komunità. Hi tista' tkun meħtieġa wkoll li tagħti servizz f'xi estensjoni oħra ta' servizz tas-saħħa kif provdut taħt Skema Nazzjonali komprensiva tas-Saħħa.

4.5. Meta l-persuna nominata tkun *Admitting Consultant* (fuq xogħol) tista' tkun meħtieġa li tattendi għall-ħtiġiet tal-pazjenti skont l-esiġenzi tas-servizz. Hi għandha, dakinhar filgħaxija, iddur is-sala biex taċċerta, sakemm hu prattikabbli, li kull dħul ta' emerġenza li jsir wara nofsinhar u kmieni filgħaxija jiġi eżaminat minnha fl-istess ġurnata tad-dħul.

4.6. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta li d-dixxiplina u l-prattika fis-sala (inklużi l-aspetti tal-iġjene) li jaffettwaw il-pazjenti taħt il-kura tagħha, ikun l-ogħla livell possibbli.

4.7. Il-persuna nominata trid tassigura li l-kura tal-pazjent tkun fl-ogħla livell possibbli b'attenzjoni speċjali li x-xogħol

3.1. The appointment, which is subject to a probationary period of one year, is on a full-time basis and is subject to any rules governing from time to time the Malta Public Service and the Department of Customer Services (Gozo General Hospital). It involves liability to transfer according to the exigencies of the Malta Public Service.

3.2. The appointee shall choose between contract types A or B on his/her appointment. The appointee will be entitled to such benefits and subject to such conditions and obligations as may be stipulated in any pertinent agreement between the Government and the competent Union.

4.1. The Consultant Surgeon will form part of the Department of Customer Services and will be directly accountable to the Director of Customer Services. The Appointee will be expected to take part in the activities of the Department of Customer Services and to participate in its teaching and research programmes.

4.2. The appointee shall carry out duties in the Department of Customer Services (Gozo General Hospital) as assigned by the Director of Customer Services.

4.3. The appointee shall perform duties in General Surgery in Gozo and shall be responsible for the care and treatment of all surgical cases and their follow-up. He/she should moreover be able to manage moreover be able to manage acute trauma cases and also provide coverage for the acute orthopaedic aspects of trauma cases in the absence of the resident orthopaedic specialist. He/she will be expected to liaise with other colleagues in Gozo and Malta in the management of such cases as necessary.

4.4. The appointee will be required to hold regular specialized clinic at the hospital and may be required to hold regular specialized clinics in the Health Centres in accordance with approved community care programmes. The appointee may also be required to provide service in any future extension of the health services as provided under a comprehensive National Health Scheme.

4.5. When the appointee is the Admitting Consultant (on call), may be required to attend to the needs of patients according to the exigencies of the service. The appointee is to perform an evening ward round on that date with a view to ensuring, as far as it is reasonably practicable, that emergency admission in the afternoon and early evening are seen by him/her on the same day of admission.

4.6. The appointee shall be responsible to ensure that ward discipline and practice (including aspects of hygiene) affecting patients under his/her care are of the highest possible level.

4.7. The appointee shall ensure the highest level possible of patient care with special attention to appropriateness,

isir b'mod xieraq, fil-ħin u b'kontinwità, inkluż kontinwità b'*medical records* miżmuma tajjeb u li faċilment jinstabu kif ukoll b'*discharge summaries* li jsiru fil-ħin.

4.8. Il-persuna nominata tkun responsabbli li taċċerta t-twettiq ta' programm kontinwu ta' taħriġ u edukazzjoni għall-i*staff* li jieħu ħsieb il-pazjenti taħt il-kura tagħha u tikkoopera ma' u tagħti pariri lil tobba oħra fuq ħwejjeġ relatati mal-ispeċjalità.

4.9. Il-persuna nominata tieħu sehem fit-tagħlim u taħriġ ta' studenti ta' qabel u ta' wara l-gradwazzjoni kif meħtieġ.

4.10. Il-persuna nominata tkun trid tagħti servizzi ta' konsulenza fl-ispeċjalizzazzjoni tagħha kif inhu meħtieġ mill-*Medical Superintendent* tal-Isptar Ġenerali ta' Għawdex (li jirrapreżenta lid-Direttur tal-*Customer Services)*.

4.11. Il-persuna nominata tkun trid twaqqaf mekkaniżmu xieraq għall-assigurazzjoni ta' kwalità tas-servizz u verifika medika.

4.12. Il-persuna magħżula tkun trid tagħmel użu mis-sistemi tat-Teknoloġija tal-Informatika li jkunu qed jintużaw fid-Dipartiment tal-*Customer Services*.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom :

a) (i) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(ii) ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

(iii) ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożiżżjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożiżżjonijiet tal-UE);

JEW

(iv) il-konjugi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(i), (ii) u (iii) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment tac-Ċittadinanza u *Expatriates,* Ministeru tal-Affarijiet Barranin.

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(ii), (iii) u (iv) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

timeliness and continuity including continuity through well-maintained and easy to follow medical records and timely discharge summaries.

4.8. The appointee shall be responsible to ensure the implementation of an ongoing (continuing) training and education programme in respect of the staff caring for the patients under his/her charge and will liaise with and advise other members of the medical and surgical staff on matters pertaining to the speciality.

4.9. The appointee will participate in undergraduate and postgraduate teaching and training as required.

4.10. The appointee shall be required to provide consultancy services in the area of specialization as required by the Medical Superintended at the Gozo General Hospital (representing the Director Customer Services)

4.11. The appointee will be required to establish appropriate mechanisms to ensure quality of service and medical audit.

4.12. The appointee will be required to make use of the Information Technology systems which may be in operation within the Department of Customer Services.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

a) (i) be citizens of Malta;

OR

(ii) citizens of another European Union Member State;

OR

(iii) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (in case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(iv) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (i), (ii) and (iii) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs.

The appointment of candidates referred to at (ii), (iii) and (iv) above would necessitate the issue of an employment license in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

b) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-Lingwa Maltija u bil-Lingwa Ingliża;

ċ) ikollhom liċenzja biex jipprattikaw il-Professjoni Medika f'Malta;

d) ikollhom:

(i) ċertifikat maħruġ mill-i*Specialist Accreditation Committee* ta' Malta li t-taħriġ fil-*General Surgery* huwa komplut;

JEW

(ii) ikollhom isimhom imniżżel fil-*General Surgery Specialist Register*;

JEW

(iii) ikunu approvati li isimhom jitniżżel fil-*General Surgery Specialist Register*;

(e) ikollhom sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fil-*General Surgery;*

f) ikunu ta' karattru morali tajjeb (applikanti li diġà qegħdin jaħdmu fis-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw is-Service and Leave Record Form (GP 47), filwaqt li dawk li japplikaw minn barra s-Servizz Pubbliku ta' Malta jridu jippreżentaw ċertifikat riċenti tal-kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar minn sitt (6) xhur qabel id-data ta' din is-sejħa, u jindikaw jekk qatt kinux impjegati mal-Gvern Malti, u jagħtu d-dettalji).

6. Applikazzjonijiet jintlaqgħu wkoll mingħand kandidati li m'għandhomx is-sentejn *full-time* esperjenza bħala speċjalisti fl-*General Surgery* kif indikat f'paragrafu 5(e) bil-kundizzjoni li jissodisfaw il-kundizzjonijiet imsemmija f'paragrafi 5(a) (b) (c) u (d). Jekk ħadd mill-kandidati ma jissodisfa l-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), dan l-istess paragrafu 5(e) ma jkunx ikkunsidrat għall-kandidati kollha. Iżda, jekk saħansitra wieħed/waħda mill-kandidati jissodisfa/tissodisfa il-kundizzjoni ta' paragrafu 5(e), din l-istess kundizzjoni tiġi mitluba mingħand l-applikanti l-oħra kollha.

7.1. Mingħajr preġudizzju għad-dispożizzjonijiet l-oħra ta' paragrafi 5 u 6, dawk il-kandidati li jgħaddu li ma jkunux proficjenti fil-Malti sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, ikunu kkunsidrati għall-ħatra biss, wara li tkun ġiet eżawrita l-lista tal-applikanti l-oħra kollha li jkunu għaddew mill-intervista skont paragrafu 5b, dejjem jekk ikun baqa' postijiet vakanti.

7.2. Barra minn hekk, applikanti li jintgħażlu skont paragrafu 7.1. jridu jagħtu evidenza li għandhom proficjenza bażika fil-Malti qabel ma jiġu kkonfermati fil-ħatra.

b) Have the ability to communicate in the Maltese and English Languages.

c) Be in possession of a license to practice the Medical Profession in Malta.

d) Be in possession of :

(i) a certificate of completion of training in General Surgery by the local Specialist Accreditation Committee;

OR

(ii) be included in the General Surgery Specialist Register;

OR

(iii) be approved for inclusion in the General Surgery Specialist Register;

(e) have two years full time experience as a specialist in General Surgery;

(f) be of good moral character (applicants who are already in the Malta Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP47); Those applying from outside the Malta Public Service must produce a recent certificate of conduct issued by the Police or other competent Authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in the Maltese Government Service giving details).

6. Applications will also be considered from candidates who are not in a possession of two years full-time experience as specialists in General Surgery as indicated in paragraph 5(e) provided they satisfy the requirements stated in paragraphs 5 (a), (b), (c) and (d). If none of the candidates satisfies the provisions of paragraph 5(e) then the said paragraph 5(e) will be considered as waived for all candidates. If, however, even only one candidate satisfies the provisions of paragraph 5(e), then such provisions will be required also from all other candidates.

7.1 Without prejudice to the other provisions of paragraphs 5 and 6, successful applicants who are not proficient in the Maltese Language by the closing time and date of this call, will only be considered for appointment if there are not enough successful applicants who satisfy paragraph 5b, provided vacancies are available.

7.2 Moreover, successful applicants who are selected in terms of paragraph 7.1. shall be required to provide evidence of basic proficiency of the Maltese Language before confirmation of appointment.

8.1. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-post. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-post fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-Management and Personnel Office u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.2. Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijiet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Diviżjoni tas-Saħħa u tkun ikkupjata lill-KNPD.

9.1. Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-i*scanner* huma aċċettabbli.

9.2. Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

9.3. Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (esklużi kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-istudji Turistiċi u l-*Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage),* li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħqux jippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

8.1 Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this post provided they can carry out, in essence, the duties related to the post and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

8.2 Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given by the applicant to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the Department of Customer Services and copied to the NCPD.

9.1. Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

9.2. Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

9.3. It is the responsibility of applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/ tertiary education institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage), to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time-limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

10.1 Bord ta' Għażla jintervista l-applikanti li jkunu eliġibbli biex jitqies min ikun adatt għall-post.

10.2. Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gazzetta tal-Gvern.

11. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għal eżami mediku biex jiġi aċċertat li hija adatta għal dan il-post.

12. Il-formoli tal-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn il-*websites*:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mill-Fergħa tar- Riżorsi Umani, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex.

13. L-applikazzjonijiet flimkien ma' *curriculum vitae* li għandha tinkludi kwalifiki u esperjenza u l-ismijiet ta' żewġ *referees* jintlaqgħu primarjament mid-Direttur, tas-Servizzi Korporattivi, mhux aktar tard minn nofsinhar (*Central European Time*) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2010.

14. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (*Central European Time*) ta' nhar il-Ġimgħa, 26 ta' Marzu 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. L-applikazzjoni formali ffirmata mill-applikant/a trid tasal għand il-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tal- Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tal-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, riċeventi huwa +356- 21559724.

15. Tingħata rċevuta minnufih għal kull applikazzjoni li titwassal sal-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tas-Servizzi Korporattivi, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat, Għawdex. Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu rreġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. Il-Fergħa tar-Riżorsi Umani, Dipartiment tar-Servizzi Korporattivi, Ministeru għal Għawdex, tibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Marzu, 2010

10.1. Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the post.

10.2. Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Secretary, Public Service Commission, The Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within (10) working days from the date of the result..

11. The selected applicant will be medically examined to ascertain that he/she is fit for the post.

12. Application forms may either be downloaded from the following websites:

http://www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf
http://www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Branch, Department of Corporate Services, St. Francis Square, Victoria, Gozo.

13. Applications, together with curriculum vitae showing qualifications and experience and the names of two referees, will be received in the first instance by the Director Corporate Services, St. Francis Square, Victoria, Gozo by not later than noon (Central European Time) of Friday, 26th March 2010.

14. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 26th March 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the Human Resources Branch, Department of Corporate Services, Ministry for Gozo by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the Human Resources Branch, Department of Customer Services, Ministry for Gozo is +356 – 21559724.

15. Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Human Resources Branch, Department of Corporate Services, St. Francis Square, Victoria, Gozo and a receipt will be given in hand at the time of delivery. Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Human Resources Branch, Department of Corporate Services, Ministry for Gozo within seven (7) days.

2nd March, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU

Pożizzjoni ta' *Research Analyst* fid-Dipartment għall-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali, Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja

Il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku tilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Research Analyst* fid-Dipartiment għall-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali.

2.1. Il-persuna magħżula tkun mistennija li tidħol f'*assignment* ta' sitta u tletin (36) xahar bħala *Research Analyst* fid-Dipartiment għall-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali. Persuna li ma tkunx tat sehem sodisfaċenti bħala *Research Analyst* matul il-perjodu tal-*assignment*, ikollha l-*assignment* tagħha terminat.

2.3. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, hija żżomm il-grad sustantiv tagħha waqt il-perjodu tal-*assignment* u terġa' lura għall-grad sustantiv tagħha meta jintemm l-*assignment*. Fil-każ ta' persuna li ma tkunx Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, l-impjieg tagħha mad-Dipartiment għall-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali kif ukoll mal-Gvern Malti jintemm fil-każ li jiġi tterminat l-*assignment*.

2.4. Jekk il-persuna magħżula tkun Uffiċjal Pubbliku li għandha grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta, u waqt il-perjodu tal-*assignment*, tinħatar fi grad bi skala ta' salarju ogħla minn Skala ta' Salarju 7, hija tkun meħtieġa li tħalli d-doveri ta' *Research Analyst* u tkun trasferita għal doveri li jikkorrispondu mal-grad il-ġdid tagħha. Iżda, jekk is-salarju sustantiv tal-persuna magħżula jitla' għal aktar minn Skala 7 permezz ta' *progression*, il-persuna titħalla tkompli l-perjodu tal-ingaġġ tagħha kif provdut bil-*assignment* fis-seħħ.

3. Is-salarju għal din il-pożizzjoni huwa ekwivalenti għall-massimu ta' skala ta' salarju 7 (bħalissa €22,211.0). Għall-fini tal-Ordinanza dwar il-Pensjonijiet (Kap. 93) (fejn applikabbli), id-differenza bejn is-salarju dovut għall-grad sustantiv tal-persuna u s-salarju dovut għall-pożizzjoni, titħallas bħala *non-pensionable allowance*, f'każ li tkun Uffiċjal Pubbliku bi grad sustantiv fis-Servizz Pubbliku ta' Malta.

4. Id-dmirijiet ta' persuna fil-pożizzjoni ta' *Research Analyst* fid-Dipartiment għall-i*Standards* fil-Ħarsien Soċjali jinkludu:

a) li tagħti kontribut fl-iżvilupp tal-aġenda fir-riċerka soċjali, b'emfażi partikolari fuql-iżvilupp ta' *standards* fil-ħarsien soċjali, u tikkoordina l-implimentazzjoni tagħhom;

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Research Analyst in the Department for Social Welfare Standards, Ministry of Education, Employment and the Family

The Public Service Commission invites applications for the position of Research Analyst in the Department for Social Welfare Standards.

2.1. The selected candidate will be expected initially to enter into a thirty-six (36) month assignment as Research Analyst in the Department for Social Welfare Standards. Unsatisfactory performance as Research Analyst during the assignment period will lead to termination of the assignment.

2.3. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, he/she will retain his/her substantive grade during the assignment period and will revert to his/her substantive grade on the termination of the assignment. In the case of a selected candidate who is not a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, his/her service with the Department for Social Welfare Standards as well as with the Maltese Government will be discontinued in case of termination of assignment.

2.4. If the selected candidate is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service, and during the assignment period, is appointed to a grade with a Salary Scale higher than Scale 7, he/she will be required to relinquish the duties of Research Analyst and be transferred to duties pertinent to his/her new grade. However, if the substantive salary of a selected officer becomes higher than Salary Scale 7 through progression, he/she will be allowed to complete his/her term of engagement as provided by the assignment in force.

3. The salary attached to the position of Research Analyst is equivalent to the maximum point of salary scale 7 (currently €22,211.0). For the purpose of the Pensions Ordinance (Cap. 93), the difference between the salary to which the selected candidate is entitled by virtue of the substantive grade and the salary of the position will be paid as a non-pensionable allowance, in case he/she is a Public Officer holding a substantive grade in the Malta Public Service.

4. The duties of Research Analyst in the Department for Social Welfare Standards include:

a) contribute to the development of the social research agenda with particular emphasis on the development of standards in the social field and coordinate its implementation;

b) tagħmel riċerka fil-qasam soċjali, tiġbor b'mod sistematiku u tanaliżża *data* u tħejji rapporti fuq ir-riżultati miksuba;

ċ) tidentifika u tbassar bżonnijiet fil-qasam tal-ħarsien soċjali u tagħti pariri dwar prijoritajiet għalihom;

d) tiżviluppa u tħejji politika nazzjonali u strateġija għall-qasam tal-ħarsien soċjali;

e) tissorvelja x-xogħol ta' evalwazzjoni ta' proċessi u riżultati ta' servizzi eżistenti bil-ħsieb, *inter alia,* li tassigura li jinżammu l-livelli tal-i*standards* tas-servizz mogħti, tidentifika xi nuqqas, u fejn ikun hemm il-ħtieġa, tfassal sistemi ta' azzjoni għal rimedji;

f) tirrapporta dwar ix-xogħol u r-riżultati li joħorġu minn laqgħat dwar politika, sessjonijiet ta' konsultazzjoni, *workshops* ta' aġġornament u evalwazzjoni u *fora* oħra;

g) tassisti fil-kitba ta' abbozzi u fl-aġġornament tal-leġiżlazzjoni soċjali, regolamenti u *standards* tas-servizz;

h) iżżomm djalogu mal-persuni involuti f'dan il-qasam, imsieħba strateġiċi, Ministeri u l-pubbliku in ġenerali u filwaqt li tippromwovi dehra pożittiva dwar il-funzjonijiet tad-Dipartiment;

i) tikkoordina proċess kontinwu ta' konsultazzjoni u żżomm aġġornata mal-iżviluppi li jseħħu fil-politika u prattiċi marbuta mal-qasam soċjali u tal-familja;

j) tagħti pariri u tieħu ħsieb l-impjegati li jaqgħu direttament taħtha u tassigura li jwettqu l-funzjonijiet tagħhom b'mod effiċjenti, effettiv u skont l-objettivi ffissati.

Barra minn hekk, persuna fil-pożizzjoni ta' *Research Analyst* trid ukoll twettaq xogħol ieħor, skont id-direzzjoni jew l-istruzzjonijiet li minn żmien għal żmien tingħata mid-Direttur *(Standards* fil-Ħarsien Soċjali). Fit-twettiq tad-dmirijiet imsemmija hawn fuq, l-uffiċjal għandu jagħmel xogħlu b'mod diliġenti u fl-aħjar interess tad-Dipartiment għall-iStandards fil-Ħarsien Soċjali.

5. Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandhom:

(i) (a) ikunu ċittadini ta' Malta;

JEW

(b) ikunu ċittadini ta' Stat ieħor Membru tal-Unjoni Ewropea;

JEW

b) carry out social research, systematically collate and analyse data and report on findings;

c) identify and forecast needs in the social welfare sector and advise on their prioritisation;

d) develop and formulate national policy and strategy for the social welfare sector;

e) supervise the undertaking of process and outcome evaluation studies of existing services in an attempt, inter alia, to ensure the upkeep of service delivery standards, to identify related lacunae, and where necessary to demarcate pathways for potential remedial action;

f) report on the proceedings and outcomes of policy meetings, consultancy sessions, review and evaluation workshops, and other;

g) assist in the drafting and updating of social legislation, regulations and service standards;

h) maintain a dialogue with stakeholders, strategic partners, Ministries and the general public, while promoting a positive image of the functions of the Department;

i) co-ordinate an ongoing consultation process and keep abreast with developments in social and family/children welfare policies and practices;

j) advise and supervise the team under his/her charge and ensure that it discharges its functions efficiently, effectively and according to set objectives.

In addition, the Research Analyst shall also carry out such other tasks as he/she may, from time to time, be directed and instructed by the Director (Social Welfare Standards). In performing the above-listed tasks, the officer shall work diligently and in the best interests of the Department for Social Welfare Standards.

5. By the closing time and date of this call for applications, applicants must be:

(i) (a) citizens of Malta;

OR

(b) citizens of another European Union member state;

OR

(ċ) ikunu ċittadini ta' pajjiżi oħra li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE dwar il-moviment ħieles tal-persuni (f'każ ta' diffikultà l-Ministeru tal-Affarijiet Barranin għandu jiġi kkonsultat dwar dawk il-pajjiżi li għalihom japplikaw id-dispożizzjonijiet tal-UE);

JEW

(d) ikunu l-konjuġi u tfal, anki jekk huma ċittadini ta' pajjiż terz, ta' dawk il-persuni msemmija f'(a), (b) u (ċ) hawn fuq, sakemm huma eliġibbli li jaħdmu f'Malta skont leġiżlazzjoni eżistenti. Dan għandu jkun stabbilit fuq il-parir tad-Direttur, Dipartiment taċ-Ċittadinanza u *Expatriates*, Ministeru tal-Affarijiet Barranin;

Il-ħatra ta' kandidati msemmija f'(b), (ċ) u (d) hawn fuq hija soġġetta għall-ħruġ ta' liċenzja tax-xogħol f'dawk il-każijiet fejn din hija meħtieġa skont l-Att dwar l-Immigrazzjoni u leġiżlazzjoni sussidjarja.

(ii) ikunu kapaċi jikkomunikaw bil-lingwa Maltija u dik Ingliża;

(iii) ikollhom, jew ġew approvati biex jingħataw:

(a) *Degree post-graduate (Masters)* rikonoxxuta jew kwalifika xierqa komparabbli u rikonoxxuta, f'xi xjenza soċjali relatata bħal soċjologija, xogħol soċjali, psikoloġija u amministrazzjoni soċjali u sena (1) esperjenza ta' xogħol fir-riċerka u/jew tfassil ta' politika;

JEW

(b) *First Degree* rikonoxxut, jew kwalifika xierqa komparabbli u rikonnoxuta, f'qasam ta' studju muri f'paragrafu 5 (iii)(a) hawn fuq, u tliet (3) snin esperjenza ta' xogħol fir-riċerka u/jew tfassil ta' politika;

(iv) ikunu ta' karattru morali tajjeb, (l-applikanti li huma impjegati tas-Servizz Pubbliku f'Malta, għandhom jippreżentaw is-*Service and Leave Record Form (GP47)* l-applikanti minn barra s-Servizz Pubbliku għandhom jippreżentaw ċertifikat tal-Kondotta maħruġ mill-Pulizija jew Awtorità kompetenti oħra mhux aktar tard minn sitt (6) xhur mid-data ta' din is-sejħa kif ukoll jgħidu jekk qatt kinux jaħdmu mal-Gvern u jagħtu d-dettalji).

6. Tingħata kunsiderazzjoni xierqa lill-applikanti li:

a) għandhom ħiliet ta' komunikazzjoni verbali u bil-miktub u għandhom il-kwalitajiet tekniċi tajbin biex jagħtu preżentazzjonijiet;

b) għandhom il-kapaċità li jmexxu u jaħdmu f'*team*;

(c) citizens of other countries to which the EU provisions on free movement of persons apply (In case of difficulty the Ministry of Foreign Affairs is to be consulted regarding the countries to which EU provisions apply);

OR

(d) the spouse and children, even if they are third country nationals, of any person mentioned at (a), (b) and (c) above, provided they are eligible to work in Malta under current legislation. This should be determined with the advice of the Director, Citizenship and Expatriate Affairs, Ministry of Foreign Affairs;

The appointment of candidates referred to at (b), (c) and (d) above would necessitate the issue of an employment licence in so far as this is required by the Immigration Act and subsidiary legislation.

(ii) have the ability to communicate in the Maltese and English languages;

(iii) in possession of, or have been approved for the award of:

(a) a recognised post-graduate degree (Masters), or an appropriate comparable recognised qualification, in a related social science such as, sociology, social work, psychology, and social administration plus at least one (1) year work experience in research and/or policy development;

OR

(b) a recognised first degree, or an appropriate comparable recognised qualification, in an area of study indicated in paragraph 5 (iii) (a) plus at least three (3) years work experience in research and/or policy development;

(iv) of good moral character (applicants who are already in the Public Service must produce a Service and Leave Record Form (GP 47); those applying from outside the Service must produce a recent Certificate of conduct issued by the Police or other competent authority not earlier than six (6) months from the date of this call for applications and state whether they have ever been in Government Service, giving details).

6. Due consideration will be given to applicants who are:

a) skilled in verbal and written communication and possess good presentation techniques;

b) able to lead and work in a team;

ċ) għandhom esperjenza f'teħid ta' deċiżjonijiet u b'teknika kif isolvu l-problemi;

d) huma kapaċi fit-teknika ta' riċerka kemm kwantitattiva kif ukoll kwalitattiva, u b'hekk juru li huma familjari ma' analiżi ta' statistika u mal-analiżi ta' *data* narattiva;

e) għandhom esperjenza fl-evalwazzjoni ta' programmi;

f) ikunu kapaċi jwasslu l-informazzjoni mir-riċerka b'mod sempliċi u prattiku kemm lill-pubbliku kif ukoll lill-partijiet oħra involuti fil-qasam.

7. Persuni rreġistrati mal-Kummissjoni Nazzjonali għall-Persuni b'Diżabilità (KNPD) jistgħu jgawdu minn 'bdil raġonevoli' skont l-Artikolu 7 tal-Att dwar Opportunitajiet Indaqs (Persuni b'Diżabilità) (Kap. 413), anke jekk ma jkunux jissodisfaw għal kollox il-parametri tal-eliġibbiltà għall-pożizzjoni. Dan basta jkunu jistgħu jwettqu d-dmirijiet relatati mal-pożizzjoni fl-essenza tagħhom, u sakemm ikun hemm qbil min-naħa tal-*Management and Personnel Office* u approvazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

Is-sottomissjonijiet skont din il-klawsola għandhom jintbagħtu mal-formola tal-applikazzjoni u għandhom ikunu msaħħa b'dokumenti rilevanti li jinkludu evidenza dokumentata tar-reġistrazzjoni tal-applikant/a mal-KNPD. Għandhom jingħataw ġustifikazzjonijiet raġunati mill-applikant/a għaliex ma jissodisfax/tissodisfax il-parametri kollha tal-eliġibbiltà u għaliex huma mistħoqqa kunsiderazzjonijet speċjali. Il-korrispondenza kollha għandha tiġi indirizzata lid-Dipartiment riċeventi u tkun ikkupjata lill-KNPD.

8.1 Il-kwalifiki u l-esperjenza li l-persuna jkollha għandhom jintwerew b'ċertifikati u/jew dokumenti, illi kopja tagħhom għandha tkun jew mehmuża mal-applikazzjoni jew jintbagħtu separatament lid-Dipartiment konċernat mhux aktar tard minn għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-għeluq. Kopji mgħoddija bl-*iscanner* huma aċċettabbli.

8.2 Id-dokumenti oriġinali għandhom, mingħajr eċċezzjoni, jintwerew waqt l-intervista.

8.3 Hija r-responsabbiltà tal-applikanti li jkollhom kwalifiki maħruġa minn Universitajiet/istituzzjonijiet edukattivi terzjarji jew istituzzjonijiet oħra, Maltin jew barranin (eskluż kwalifiki mogħtija mill-Università ta' Malta, il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija, Istitut għall-Istudji Turistiċi u l-*Insitute for Conservation and Management of Cultural Heritage*), li juru dikjarazzjoni ta' rikonoxximent dwar il-komparabbiltà ta' kwalifiki maħruġa miċ-Ċentru Malti għal Rikonoxximent ta' Kwalifiki u ta' Informazzjoni fil-Ministeru tal-Edukazzjoni, Kultura, Żgħażagħ u Sport jew l-awtorità kompetenti, skont il-każ, liema dikjarazzjoni għandha tiġi mehmuża mal-applikazzjoni, bl-oriġinali tintwera waqt l-intervista. Dawk

c) experienced in decision making and problem solving techniques;

d) proficient in both quantitative and qualitative research techniques, thereby denoting close familiarity with statistical analysis, and the analysis of narrative data;

e) experienced in programme evaluation;

f) able to translate research material into simple and practical information to be made available to the public and other stakeholders.

7. Persons registered with the National Commission for Persons with a Disability (NCPD) may be given reasonable accommodation in terms of Article 7 of the Equal Opportunities (Persons with Disability) Act (Cap. 413), even if they do not satisfy in full the eligibility requirements for this position provided they can carry out, in essence, the duties related to the position and subject to the concurrence of the Management and Personnel Office and approval of the Public Service Commission.

Representations in terms of this clause should be attached to the application forms and supported with relevant documents which must also include documentary evidence of registration with the NCPD. Reasoned justifications should be given to substantiate the lack of full eligibility requirements and why reasoned considerations are merited. All correspondence is to be addressed to the receiving Department and copied to the NCPD.

8.1 Qualifications and experience claimed must be supported by certificates and/or testimonials, copies of which should either be attached to the application or sent separately to the receiving Department by not later than ten (10) working days from the closing date. Scanned copies sent electronically are acceptable.

8.2 Original certificates and/or testimonials are to be invariably produced for verification at the interview.

8.3 It is the responsibility of the applicants, in possession of qualifications awarded by Maltese or foreign Universities/tertiary education or other institutions (excluding qualifications awarded by the University of Malta, Malta College of Arts, Science and Technology, Institute of Tourism Studies and Institute for Conservation and Management of Cultural Heritage) to produce a recognition statement on comparability of qualifications issued by the Malta Qualifications Recognition Information Centre (MQRIC) within the Ministry of Education, Culture, Youth and Sport or the designated authority, as applicable, which statement should be attached to the application and the original presented at the interview. Candidates not in possession of

il-kandidati li għad m'għandhomx din id-dikjarazzjoni jkunu jistgħu japplikaw, iżda jridu jibagħtu kopja tad-dikjarazzjoni, maħruġa mill-awtorità pertinenti, lid-dipartiment riċeventi kif tkun għad-dispożizzjoni tagħhom u, f'ebda ċirkustanza, mhux aktar tard minn xahar mid-data tal-għeluq tas-sejħa għall-applikazzjonijiet. Applikanti li ma jilħquxjippreżentaw din id-dikjarazzjoni fi żmien xahar għal raġunijiet mhux fil-kontroll tagħhom, jistgħu jitolbu għal estensjoni b'xahar ieħor lill-Kap tad-Dipartiment fejn qed jintlaqgħu l-applikazzjonijiet, u jindikaw b'mod ċar ir-raġunijiet għad-dewmien. Talbiet għal estensjonijiet itwal minn dan il-perjodu għandhom jiġu sottomessi għall-kunsiderazzjoni tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku.

this statement may still apply, provided that they submit a copy of the statement, issued by the pertinent authority, to the receiving department as soon as available and, in any case, by not later than one month from the closing date of the call for applications. Applicants who fail to present the required statement within the one-month period for reasons beyond their control, may request an extension of this time limit, up to a further one month, to the Head of Department receiving the applications, indicating clearly the reasons for the delay. Extensions beyond this period are to be submitted for the consideration of the Public Service Commission.

9.1 L-applikanti eliġibbli jkunu jridu joqogħdu għal *interview* minn Bord ta' l-Għażla biex jiġi aċċertat li huma adatti għal din il-pożizzjoni.

9.1 Eligible applicants will be interviewed by a Selection Board to assess their suitability for the position.

9.2 Avviż dwar il-ħruġ tar-riżultat jiġi ppubblikat fil-Gażżetta tal-Gvern. Joħroġ ukoll avviż fil-*media* lokali.

9.2 A notification of the issue of the result will be duly published in the Government Gazette. A press notice will also be issued to all local media organisations.

9.3 Ir-riżultat tal-intervisti jiġi ppublikat mill-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u jiġi esebit fuq in-*notice-board* tal-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku u dik tas-Sezzjoni tar-Rizorsi Umani, Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika,Valletta. Ir-rizultat jista' jitniżżel ukoll mill-*website* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku fuq http://www.psc.gov.mt.

9.3 The result of the interviews will be published by the Public Service Commission and exhibited on the notice-board of the Office of the Public Service Commission and that of the Human Resources Section, Ministry of Education, Employment and the Family Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta. Furthermore, the result will all also appear on the website of the PSC where it may be accessed at http://www.psc.gov.mt.

9.4 Oġġezzjonijiet għar-riżultat skont Sezzjoni 1.1.17 tal-Public Service Management Code għandhom jiġu sottomessi lis-Segretarju Eżekuttiv, Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta, u kkupjati lill-Kap tad-Dipartiment fejn teżisti l-vakanza. L-oġġezzjonijiet għandhom jaslu għand il-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku kif ukoll għand il-Kap tad-Dipartiment fi żmien għaxart (10) ijiem ta' xogħol mid-data tal-pubblikazzjoni tal-avviż fil-Gażżetta tal-Gvern.

9.4 Petitions objecting to the result in terms of Section 1.1.17 of the Public Service Management Code are to be submitted to the Executive Sectretary, Public Service Commission, the Palace, Valletta, copying to the Head of the Department wherein the vacancy to be filled lies. Petitions are to reach the Commission and the Head of Department within tem (10) working days from the date of publication in the Government Gazette of the notice of the issue of the result.

10. Il-persuna magħżula tkun trid toqgħod għall-eżami mediku biex jiġi assigurat li hija adatta għal din il-pożizzjoni.

10. Selected applicants will be medically examined to ascertain that they are fit for the position.

11. ll-formoli ta' l-applikazzjoni jistgħu jitniżżlu minn dawn *il-websites:*

11. Application forms may be downloaded from the following websites:-

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitmalti.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitmalti.pdf

jew jinkisbu mit-Tqasima tar-Rizorsi Umani, Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta.

www.doi.gov.mt/EN/employment_opp/recruitenglish.pdf

www.mpo.gov.mt/downloads/recruitenglish.pdf

or obtained from the Human Resources Section of the Ministry of Education, Employment and the Family (Top Floor) 310, Triq ir-Repubblika, Valletta.

12. L-applikazzjonijiet, flimkien mal-*curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Assistent Direttur (Riżorsi Umani), Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta sa mhux aktar tard minn nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) ta' nhar il-Ġimgħa, is-26 ta' Marzu 2010.

13. Applikazzjonijiet li jaslu minn barra minn Malta permezz ta' *fax* jew ta' xi messaġġ ieħor simili sa nofsinhar (Ħin Ċentrali Ewropew) tal-Ġimgħa, is-26 ta' Marzu 2010 jistgħu jiġu kkunsidrati basta jkollhom id-dettalji kollha meħtieġa. Il-formola tal-applikazzjoni ffirmata mill-applikant trid tasal għand is-Sezzjoni tar-Riżorsi Umani Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta, mhux aktar tard minn ġimgħa wara d-data tal-għeluq tal-applikazzjonijiet u għandha tingħata spjegazzjoni għad-dewmien. In-numru tal-*fax* tad-Dipartiment riċeventi hu +356 2590 3840.

14. (a) Tingħata rċevuta minnufih mill-Assitent Diretturgħal kull applikazzjoni li titwassal sas-Sezzjoni tar-Rizorsi Umani, Ministeru tal-Edukazzjoni, Xogħol u l-Familja, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta.

(b) Applikazzjonijiet li jaslu bil-posta għandhom ikunu reġistrati u jintbagħtu kmieni biżżejjed biex jaslu fl-indirizz imsemmi qabel id-data tal-għeluq. L-Assistent Direttur jibgħat irċevuta bil-posta fi żmien sebat (7) ijiem għal dawn l-applikazzjonijiet.

It-2 ta' Marzu, 2010

KULLEĠĠ MALTI TAL-ARTI, XJENZA U TEKNOLOĠIJA

Vakanza – Lecturing Staff
(ETC Permit 26/2010)

Il-Kulleġġ Malti tal-Arti, Xjenza u Teknoloġija jinħtieġ jingaġġa, minn fost individwi li għandhom il-kwalifiki u l-esperjenza meħtieġa, *full-time lecturing* staff fl-Inġinerija tal-Vetturi bil-Mutur.

Ħtiġiet:

Il-kandidati għandu jkollhom:
Lawrja rikonoxxuta ta' B.Eng.(Hons) (Mech)
jew
Advanced Technician Diploma u tal-inqas 5 snin esperjenza industrijali/kummerċjali relevanti u xierqa

B'żieda ma' dan, jitqies bħala vantaġġ min ikollu dan li ġej:

12. Applications, together with a *curriculum vitae* (GP47) including qualifications and experience, will be received in the first instance by the Assistant Director (Human Resources) at the Ministry of Education, Employment and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Triq ir-Repubblika, Valletta by not later than noon (Central European Time) of Friday, 26th March 2010.

13. Applications received from abroad through a fax or other similar message by noon (Central European Time) of Friday, 26th March 2010 may be considered provided that all requisite details are given. The formal application duly signed by the applicant must reach the HR Section, Ministry of Education, Employment and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Republic Street, Valletta by not later than one week after the closing date together with an explanation for the delay. The fax number of the receiving Department is +356 2590 3840.

14. (a) Applications delivered by hand will be acknowledged in writing by the Assistant Director (Human Resources) Ministry of Education, Employment and the Family, Palazzo Ferreria, 310, Republic Street, Valletta and a receipt will be given in hand at the time of delivery.

(b) Applications by post should be sent by registered mail in sufficient time to ensure delivery by the above deadline. The applications will be acknowledged in writing by the Assistant Director (Human Resources) within seven (7) days.

2nd March, 2010

MALTA COLLEGE OF ARTS, SCIENCE AND TECHNOLOGY

Vacancy – Lecturing Staff
(ETC Permit 26/2010)

The Malta College of Arts, Science and Technology is seeking to recruit, from among individuals who are suitably qualified and experienced, full-time lecturing staff in Motor Vehicle Engineering.

Requirements:

Candidates must be in possession of:
A recognized B.Eng.(Hons) (Mech) degree
or
An Advanced Technician Diploma and a minimum of 5 years relevant and appropriate industrial/commercial experience.

Moreover, possession of the following would be considered an asset:

Kwalifika ta' wara l-gradwazzjoni fl-inġinerija u preferibbilment fl-inġinerija tal-vetturi

Esperjenza industrijali preferibbilment fil-qasam automobilistiku, *Electronic Engine Diagnostics, Engine Management* u *Motor Vehicle Elecgtrical Engineering*.

Kandidati prospettivi huma mistiedna jibagħtu l-formola tal-applikazzjoni tal-MCAST, flimkien mal-*history sheet* tal-impieg tagħhom, li tinkiseb mill-ETC, mhux aktar tard mit-Tnejn, it-22 ta' Marzu, 2010, f'nofsinhar.

L-applikazzjonijiet, li jistgħu jinkisbu *online* u mill-Uffiċċju tar-Riżorsi Umani, għandhom ikunu indirizzati lid-Direttur Amministrattiv, Bini tal-Amministrazzjoni, Campus Prinċipali tal-MCAST, it-Telgħa ta' Kordin, Paola PLA 9032. Telefon numru 2398 7100, *Fax*: 2398 7316, e-mail: www.mcast.edu.mt

Applikazzjonijiet li jaslu tard jew ma jkunux mimlija sewwa ma jiġux ikkunsidrati.

It-2 ta' Marzu, 2010

IL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

E4L- "Embark for Life-Integration of Young People into the Labour Market"

Sejħa għas-Servizzi

Il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (Aġenzija Sedqa u Aġenzija Appoġġ), b'kollaborazzjoni mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) u l-Awtorità tad-Djar applikaw għall-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 (OP II ESF) Fondi Strutturali għall-proġett *ESF 3.61 E4L-Embark for Life- Integration of young people into the labour market*.

Dan il-proġett jeħtieġ is-servizzi ta':

Trainers (Ref E4L-7)

Fuq it-temi li ġejjin:

Tagħlim tekniku ta' abilitajiet u kapaċitajiet f'diversi oqsma professjonali, kif indikati fit-termini u kundizzjonijiet

Żvilupp ta' ħiliet ta' intrapriża

Kwalifiki meħtieġa għas-servizz - waħda minn dawn:

Grad ta' Baċellerat;

Diploma/Ċertifikat tal-MCAST jew l-ETC fil-qasam pertinenti tat-taħriġ;

5 snin esperjenza ta' xogħol fil-qasam partikolari.

A post-graduate qualification in engineering and preferably automative engineering

Industrial experience prefereably in the Automotive sector, Electronic Engine Diagnostics, Engine Management and Motor Vehicle Electrical Engineering.

Prospective candidates are invited to submit the completed MCAST application form, together with their employment history sheet obtainable from the ETC, by not later than Monday, 22nd March, 2010, at noon.

Applications, which are available online and from the Human Resources Office, are to be addressed to the Administrative Director, Administration Building, MCAST Main Campus, Corradino Hill, Paola PLA 9032. Telephone number 2398 7100, Fax: 2398 7316

Late and incomplete applications will not be considered.

2nd March, 2010

FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

E4L- "Embark for Life-Integration of Young People into the Labour Market"

Call for Services

The Foundation for Social Welfare Services (Sedqa Agency and Appoġġ Agency), in partnership with the Employment and Training Corporation (ETC), and the Housing Authority have recently applied for funding under Cohesion Policy 2007-2013 (OP II-ESF) Structural Funds for a project entitled ESF 3.61 E4L-Embark for Life-Integration of young people into the labour market.

This project requires the services of:

Trainers (Ref E4L-7)

On the following main areas:

To impart technical capabilities and capacities on various professional skills, as per terms of reference;

To develop entrepreneurial skills

Entry Requirements – one of the following:

Bachelors Degree;

MCAST or ETC Certificate/Diploma in the pertinent training area;

5 years experience working in the particular field.

Għal aktar informazzjoni u/jew kopja tat-termini u kundizzjonijiet tas-servizzi msemmija, wieħed għandu jikkuntattja lis-Sur Rennie Stivala fuq 2388 5162 jew inkella bl-*email* fuq rennie.stivala@gov.mt

Persuni interessati f'din is-sejħa għas-servizzi għandhom jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fit-termini u kundizzjonijiet. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae,* jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, id-9 ta' Marzu 2010, u għandhom jintbagħtu lil:

Proġett E4L ESF 3.61
Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali
2, Triq Braille, St. Venera, SVR 1690.

It-2 ta' Marzu, 2010

For further information and/or a copy of the terms of reference for the above-mentioned services, kindly contact Mr Rennie Stivala on 2388 5162, or by email on rennie.stivala@gov.mt

Individuals interested in rendering their services must meet the required specifications established in the terms of reference. Applications along with curriculum vitae will be accepted till noon, of Tuesday, 9th March 2010 sent to:

ESF Project 3.61- E4L
Foundation for Social Welfare Services,
2, Triq Braille, St. Venera, SVR 1690.

2nd March, 2010

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Dan il-proġett hu parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II- Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds: 15% National Funds
Investing in your Future

IL-FONDAZZJONI GĦAS-SERVIZZI TA' ĦARSIEN SOĊJALI

Me2-Integration of Persons with Disability into the Labour Market

Sejħa għas-Servizzi

Il-Fondazzjoni għas-Servizzi ta' Ħarsien Soċjali (Aġenzija Sapport), b'kollaborazzjoni mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u t-Taħriġ (ETC) u l-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilità (KNPD) reċentement applikaw għall-fondi taħt il-Politika ta' Koeżjoni 2007-2013 (OP II ESF) Fondi Strutturali għall-proġett *ESF 3.62 Me2-Integration of Persons with Disability into the Labour Market*.

Dan il-proġett jeħtieġ is-servizzi ta':

Support Workers fir-residenzi u/jew fil-komunità (ref Me2-3);
Occupational Therapist (ref Me2-4);
Trainers (ref Me2-7).

Kwalifiki meħtieġa għas-servizz ta' *Support Workers* fir-residenzi u/jew fil-komunità - waħda minn dawn:

Diploma tal-MCAST fil-*Care Work;*
Kors bażiku fil-*Care Work* offrut mill-MCAST flimkien ma' Livell Ordinarju fil-Malti;

FOUNDATION FOR SOCIAL WELFARE SERVICES

Me2-Integration of Persons with Disability into the Labour Market

Call for Services

The Foundation for Social Welfare Services (Sapport Agency), in partnership with the Employment and Training Corporation (ETC), and the National Commission Persons with Disability (KNPD) have recently applied for funding under Cohesion Policy 2007-2013 (OP II-ESF) Structural Funds for a project entitled ESF 3.62 Me2-Integration of Persons with Disability into the Labour Market.

This project requires the services of:

Support Workers in residencies and/or in the community. (ref Me2-3);
Occupational Therapist (ref Me2-4);
Trainers (ref Me2-7).

Entry Requirements for Support Workers in residencies and/or in the community – one of the following:

MCAST Diploma in Care;
MCAST Foundation Course in Care plus Maltese Ordinary Level;

Kors Intermedju fid-*Day and Residential Care* offrut mill-Università ta' Malta flimkien ma' Livell Ordinarju fil-Malti;

Kors Avvanzat fid-*Day and Residential Care* offrut mill-Università ta' Malta;

Livell Ordinarju fi 3 suġġetti;

Sentejn esperjenza ta' xogħol dirett ma' persuni b'diżabilità. F'dan il-każ il-kandidati għandhom jissottomettu mal-applikazzjoni riferenza mingħand professjonist li jagħmel dikjarazzjoni ta' kif huma ħadmu ma' persuni b'diżabilità.

Kwalifiki meħtieġa għas-servizz ta' Occupational Therapist:

Baċellerat jew *Diploma* fl-*Occupational Therapy.*

Kwalifiki meħtieġa għas-servizz ta' Trainers

Fuq it-temi li ġejjin:

Titjib ta' ħiliet għal bżonn tal-ħajja ta' kuljum;

Tagħlim tekniku ta' abilitajiet u kappaċitajiet f'diversi oqsma professjonali, kif indikati fit-termini u kundizzjonijiet;

Żvilupp ta' ħiliet ta' intraprizà

Kwalifiki meħtieġa biex tidħol f'das-servizz - waħda minn dawn

Grad ta' Baċellerat;

Diploma/Ċertifikat tal-MCAST jew l-ETC pertinenti fil-qasam tat-taħriġ;

5 snin esperjenza ta' xogħol fil-qasam partikolari.

Għal aktar informazzjoni u/jew kopja tat-termini u kundizzjonijiet tas-servizzi msemmija, wieħed għandu jikkuntattja lis-Sur Rennie Stivala fuq 2388 5162 jew inkella bl-*email* fuq rennie.stivala@gov.mt

Persuni interessati f'din is-sejħa għas-servizzi għandhom jilħqu l-ispeċifikazzjonijiet imsemmija fit-termini u kundizzjonijiet. Applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae,* jintlaqgħu sa nofsinhar tat-Tlieta, id-9 ta' Marzu 2010, u għandhom jintbagħtu lil:

Proġett ME2 ESF 3.62
Fondazzjoni għal Servizzi tal-Ħarsien Soċjali
2, Triq Braille, St. Venera, SVR 1690.

It-2 ta' Marzu, 2010

University of Malta Intermediate Course in Day and Residential Care plus Maltese Ordinary level;

University of Malta Advanced Course in Day and Residential Care;

3 subjects at Ordinary Level;

Two years experience working with persons with disability that must be supported by a testimonial from a professional outlining the applicant's work with persons with a disability.

Entry Requirements for the service of an Occupational Therapist:

Bachelor Degree or Diploma in Occupational Therapy.

Entry Requirements for the Trainers Services:

On the following main areas:

To improve daily living skills;

To impart technical capabilities and capacities on various professional skills, as per terms of reference;

To develop entrepreneurial skills

Entry Requirements for this service – one of the following

Bachelors Degree;

MCAST or ETC Certificate/Diploma in the pertinent training area;

5 years experience working in the particular field.

For further information and/or a copy of the terms of reference for the above-mentioned services, one can contact Mr Rennie Stivala on 2388 5162, or by email on rennie.stivala@gov.mt

Individuals interested in rendering their services must meet the required specifications established in the terms of reference. Applications along with curriculum vitae will be accepted till noon of Tuesday, 9th March 2010 sent to:

Project ME2 ESF 3.62
Foundation for Social Welfare Services,
2, Triq Braille, St. Venera, SVR 1690.

2nd March, 2010

Programm Operattiv II – Politika ta' Koeżjoni 2007-2013
Insaħħu Ħilitna għal Aktar Impjiegi u Kwalità ta' Ħajja Aħjar
Dan il-proġett hu parzjalment iffinanzjat mill-Unjoni Ewropea
Fond Soċjali Ewropew (FSE)
Rata ta' Ko-finanzjament: 85% Fondi UE; 15% Fondi Nazzjonali
Ninvestu fil-futur tiegħek

Operational Programme II- Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs and a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds: 15% National Funds
Investing in your Future

MALTA-EU STEERING AND ACTION COMMITTEE (MEUSAC)

Vakanza *Executive (Administrative Secretary)* - Konsultazzjoni

Il-*Malta-EU Steering and Action Committee* (MEUSAC) jilqa' applikazzjonijiet għall-pożizzjoni ta' *Executive* li għandu jservu bħala segretarju amministrattiv ma' wieħed jew iktar mill-Kumitati Settorjali li ġew stabbiliti għall-konsultazzjoni mas-soċjetà ċivili dwar proprosti ta' leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea u għandhom iservu wkoll bħala punt ta' riferenza fi ħdan il-MESAC għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili.

Sal-ħin u d-data tal-għeluq ta' din is-sejħa għall-applikazzjonijiet, l-applikanti għandu jkollhom *degree* maħruġ minn Università rikonoxxuta, preferribilment fil-*European Studies* jew kwalifika relatata rikonoxxuta, kif ukoll sentejn esperjenza prattika ma' għaqdiet mhux governattivi. L-applikanti għandhom ukoll ikunu familjari mal-istituzzjonijiet tal-UE u l-proċess leġislattiv. L-applikanti jridu jkunu kapaċi wkoll li jikkomunikaw tajjeb bil-Malti u bl-Ingliż.

L-applikazzjonijiet, flimkien ma' *curriculum vitae* li juru l-kwalifiki u l-esperjenza, jintlaqgħu primarjament mill-Kap, MEUSAC, 280, Triq ir-Repubblika, il-Belt Valletta, VLT 1112, sa mhux aktar tard minn nofsinhar (CET), ta' nhar it-Tlieta, is-16 ta' Marzu 2010.

Il-kriterji ta' eliġibbiltà jistgħu jinkisbu mis-sit elettroniku tal-MEUSAC: www.meusac.gov.mt. Applikazzjonijiet li ma jkollhomx dawn ir-rekwiżiti ma jiġux ikkunsidrati.

Numru ta' permess tal-ETC 254/2008
MPO/240/2008/2

It-2 ta' Marzu, 2010

MALTA-EU STEERING AND ACTION COMMITTEE (MEUSAC)

Vacancy of Executive (Administrative Secretary) - Consultation

The Malta-EU Steering and Action Committee (MEUSAC) is seeking to employ an Executive to act as administrative secretary to one or more of the sectoral committees established for consultation with civil society on EU legislative proposals and to serve as a point of reference within MEUSAC for civil society organisations on EU policy and legislation.

Applicants must be in possession of a first degree from a recognised University preferably related to European Studies or a recognised comparable qualification and at least 2 years relevant work experience in working with NGOs and familiarity with the EU institutional set up and the legislative process. Applicants must also have the ability to communicate well in the Maltese and English languages.

Prospective candidates should submit their letter of application, together with a detailed *curriculum vitae*, addressed to the Head, MEUSAC, 280, Republic Street, Valletta VLT 1112 by not later than noon (CET) of Tuesday, 16th March, 2010.

The eligibility and engagement criteria may be downloaded from the MEUSAC website: www.meusac.gov.mt. Applications that do not fulfill these criteria will not be considered.

ETC Permit Number 254/2008
MPO/240/2008/2

2nd March, 2010

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Riżultat tal-Intervista għall-Post ta' *Accountant* fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali Uffiċċju tal-Prim Ministru

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq, fin-*notice-board* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Belt Valletta, fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta u fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku www.psc.gov.mt.

It-2 ta' Marzu, 2010

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Result of Interview for the Post of Accountant at the Department for Local Government Office of the Prime Minister

The Department for Local Government notifies that the result of the interview for the above mentioned post may be viewed on the notice-board of the Department for Local Government, Valletta, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the Public Service Commission's website www.psc.gov.mt.

2nd March, 2010

UFFIĊĊJU TAL-PRIM MINISTRU

Riżultat tal-Intervista għall-Post ta' Uffiċjal Legali *Junior*/Uffiċjal Legali fid-Dipartiment għall-Gvern Lokali Uffiċċju tal-Prim Ministru

Id-Dipartiment għall-Gvern Lokali jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-post imsemmi hawn fuq, fin-*notice-board* tad-Dipartiment għall-Gvern Lokali, il-Belt Valletta, fuq in-*notice-board* tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta u fuq is-sit elettroniku tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku www.psc.gov.mt.

It-2 ta' Marzu, 2010

OFFICE OF THE PRIME MINISTER

Result of Interview for the Post of Junior Legal Officer/Legal Officer at the Department for Local Government Office of the Prime Minister

The Department for Local Government notifies that the result of the interview for the above mentioned post may be viewed on the notice-board of the Department for Local Government, Valletta, on the notice-board of the Public Service Commission, The Palace, Valletta and on the Public Service Commission's website www.psc.gov.mt.

2nd March, 2010

MINISTRY OF FOREIGN AFFAIRS

Scholarships in Italy 2010/2011

The Italian Government is offering 90 man-months either for long-term scholarships to graduate/postgraduate studies in specialisation courses or research, also short-terms scholarships in Italian language and cultural studies for teachers of Italian during the academic year 2010/11. Priority will be given to current scholarship holders who require a renewal of their scholarship. It should be noted that new scholarships will only be allotted subject to availability. Relevant information can be found on the annexed document issued by the Italian Ministry of Foreign Affairs.

This year the system has been computerised and one has to apply directly through the website provided in the annexed document. Closing date of application is the 31st March 2010. Also within ten days from sending in the soft copy one has to send all necessary documentation requested as a hard copy to the Italian Cultural Institute, St. George's Square, Valletta VLT 1190, Malta. It is being underlined that only applications through this system will be considered.

A copy of the application is also to be sent to the Scholarship Section of the Ministry of Foreign Affairs. This can be either posted, faxed, sent by email or one can use the Scholarships portal www.scholarships.gov.mt . Kindly note that this portal requires an e-ID certification. E-ID registration details may be obtained from www.mygov.mt

Successful candidates may be required to enter into a contract to serve the Government or the Private Sector of Malta upon completion.

Applications from Government and Parastatal employees and from the Private Sector will not be considered unless recommended by their Head of Department/Employer respectively.

The Board's decision will be final.

Scholarships Section
Ministry of Foreign Affairs
Palazzo Parisio
Merchants Street
Valletta VLT 2000
MALTA

Tel: 00356 22042376
Fax: 00356 21240083
Email: scholarships.mfa@gov.mt
Website: www.mfa.gov.mt

2nd March, 2010

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme - 2010

Il-*Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee)* fi ħdan id-Diviżjoni tas-Saħħa jilqa' applikazzjonijiet għall-proposti għas-Sena 2010 mingħand uffiċjali mediċi eliġibbli mill-kategoriji ta' *Clinical Chairperson/ Director, Consultant/Principal General Practitioner, Resident Specialist/Designate Consultant/Senior General Practitioner* u *General Practitioner,* impjegati fis-Servizz Pubbliku jew Settur Pubbliku.

L-applikazzjonijiet għandhom isiru fuq formoli apposta u għandhom jaslu fl-Uffiċċju tal-QAIAC fil-bini tad-Diviżjoni tas-Saħħa, Palazzo Castellania, 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171 sa mhux aktar tard minn nofsinhar tal-Ġimgħa, il-5 ta' Marzu 2010. Applikazzjonijiet li jaslu tard ma jiġux ikkunsidrati.

Tobba eliġibbli jistu jiksbu kopja tas-Sejħa tal-Proposti u tal-formola tal-applikazzjoni mill-*website* tad-Diviżjoni tas-Saħħa http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=1292 jew DH Cir. Nru. 10/2010. Għal iżjed tagħrif wieħed jista' jikkuntattja lis-Segretarja fl-Uffiċċju tal-QAIAC fuq in-numru tat-telefon 22992415.

It-2 ta' Marzu, 2010

THE QUALITY ASSURANCE INITIATIVE ADJUDICATING COMMITTEE

Merit Award Scheme – 2010

The Quality Assurance Initiative Adjudicating Committee (Audit Committee) within the Health Division invites applications for proposals for 2010 from eligible medical officers from the categories of Clinical Chairperson/Director, Consultant/Principal General Practitioner, Resident Specialist/ Designate Consultant/Senior General Practitioner and General Practitioner employed within the Public Service or Public Sector.

Applications on the designated forms should reach the Office of the QAIAC at Health Division, 'Palazzo Castellania', 15, Triq il-Merkanti, Valletta VLT 1171 by not later than noon of Friday, 5th March 2010. Late applications will not be considered.

Eligible officers may obtain a copy of the Call for Proposals and relative application form from the Heath website http://www.sahha.gov.mt/pages.aspx?page=1292 or from the DH Circular No. 10/2010. For further information one may contact the Secretary at the QAIAC Office on telephone number 22992415.

2nd March, 2010

KUMMISSJONI DWAR IS-SERVIZZ PUBBLIKU


Pożizzjoni ta' *Project Administrator* fi ħdan l-I*staff Development Organisation* fiċ-Ċentru għat-Taħriġ u Riċerka fil-Politika Amministrattiva, fl-Uffiċċju tal-Prim Ministru

B'riferenza għas-sejħa ta' applikazzjonijiet hawn fuq imsemmija li dehret fil-Gazzetta tal-Gvern Nru. 18,557 tas-26 ta' Frar, 2010, qed issir din l-emenda li ġejja:

PUBLIC SERVICE COMMISSION

Position of Project Administrator in the Staff Development Organisation within the Centre for Policy Research and Training Office of the Prime Minister

With reference to the above-mentioned call for applications published in Government Gazette No. 18,557 of Friday, 26th February, 2010, the following amendment is being reproduced:



Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs for a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds and 15% National Funds
ESF 4.100 – Developing Core Skills in the Public Service
Investing in your future



Operational Programme II – Cohesion Policy 2007-2013
Empowering People for More Jobs for a Better Quality of Life
Project part-financed by the European Union
European Social Fund (ESF)
Co-financing rate: 85% EU Funds and 15% National Funds
ESF 4.100 – Developing Core Skills in the Public Service
Investing in your future

DIPARTIMENT TAL-KUNTRATTI

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) jgħarraf illi, b'riferenza għall-avviżi li ġejjin, jistgħu jintbagħtu offerti magħluqin fil-ġranet u d-dati indikati hawn taħt. L-offerti għandhom jintefgħu fil-Kaxxa tal-Offerti tad-Dipartiment tal-Kuntratti, Notre Dame Ravelin, il-Furjana:

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, l-4 ta' Marzu, 2010, għal:

CT 020/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2681/2009. Qafas ta' ftehim għall-provvista ta' *computer continuous stationery* f'Malta lit-Taqsima tal-*Procurement* tad-Dipartiment tal-Kuntratti.

CT 021/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2657/2009. Provvista ta' ħaruf – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €20.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 022/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2658/2009. Provvista ta' patata f'għamla ta' trab – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

CT 023/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2659/2009. Provvista ta' tonn – Taqsima tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €20.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, id-9 ta' Marzu, 2010, għal:

CT 024/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2593/2008. Twaqqif ta' servizzi tal-*HVAC* fis-Sala tal-MCAST, Bini tal-Amministrazzjoni, Għolja ta' Kordin, Raħal il-Ġdid – Kulleġġ Malti għall-Arti, Xjenza u Teknoloġija. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Jannar 2010.

Id-Direttur Ġenerali (Kuntratti) javża għal informazzjoni ta' kulħadd illi din is-sejħa għal offerti qiegħda tiġi kkanċellata.

CT 025/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2655/2009. Provvista ta' *powdered soups* – Dipatiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €50.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Jannar 2010.

CT 026/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2656/2009. Provvista ta' kapuċelli – Dipatiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Jannar 2010.

DEPARTMENT OF CONTRACTS

The Director General (Contracts) notifies that sealed tenders in respect of the following advertisements will be received on the days and dates indicated below. Tenders are to be dropped in the Tender Box of the Department of Contracts, Notre Dame Ravelin, Floriana:

Up to 10.00 a.m. on THURSDAY, 4th March, 2010, for:

CT 020/2010 - Contracts Ref No, CT 2681/2009. Framework agreement for the supply of computer continuous stationery to the Procurement Section of the Contracts Department.

CT 021/2010 - Contracts Ref No, CT 2657/2009. Supply of lamb – Health Division. A fee of €20.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 022/2010 - Contracts Ref No, CT 2658/2009. Supply of potatoes in powder form – Health Division. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

CT 023/2010 - Contracts Ref No, CT 2659/2009. Supply of tuna – Health Division. A fee of €20.00 will be charged for each copy of tender document.

Up to 10.00 a.m. on TUESDAY, 9th March, 2010, for:

CT 024/2010 - Contracts Ref No, CT 2593/2008. Setting up of HVAC services at the MCAST Hall, Administration Building, Corradino Hill, Paola – Malta College of Arts, Science and Technology. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th January 2010.

The Director General (Contracts) notifies for general information that this call for tenders is being cancelled.

CT 025/2010 - Contracts Ref No, CT 2655/2009. Supply of powdered soups – Department of Health. A fee of €50.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th January 2010.

CT 026/2010 - Contracts Ref No, CT 2656/2009. Supply of broiler chickens – Department of Health. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th January 2010.

CT 027/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2661/2009. Provvista ta' ħaxix – Dipatiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fil-11 ta' Jannar 2010.

CT 028/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2702/2009. Provvista ta' ġobon – Dipatiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-12 ta' Jannar 2010.

CT 029/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2703/2009. Provvista ta' ħobż – Dipatiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-Contract Notice tal-UE ntbagħat fit-12 ta' Jannar 2010.

CT 030/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2660/2009. Provvista ta' bajd – Dipatiment tas-Saħħa. Irid jitħallas dritt ta' €100.00 għal kull kopja ta' dokument tal-offerta.

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-12 ta' Jannar 2010.

CT/A/ 005/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2733/2009. Provvista u installazzjoni ta' diversi oġġetti ta' għamara għall-*IT Services Building* il-ġdid – l-Università ta' Malta. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt.

Dan huwa *Supply Notice* taħt l-*International Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stimat: €317,796.61 mingħajr V.A.T.).

Il-*Contract Notice* tal-UE ntbagħat fit-22 ta' Jannar 2010.

Sal-10.00 a.m. tal-ĦAMIS, il-11 ta' Marzu, 2010, għal:

CT/A/003/2010 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2037/2009. Xogħlijiet ta' kostruzzjoni b'konnessjoni mal-Proġett tal-*Landscaping* ta' Pembroke, f'Pembroke – Awtorità Maltija dwar it-Turiżmu. Kopja tad-dokument tal-offerta tista' titniżżel mill-*website* http://www.contracts.gov.mt

Dan huwa *Works Notice* taħt il-*Local Open Tender Procedure*. Din l-offerta hija parzjalment iffinanzjata mill-Unjoni Ewropea taħt il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali 2007-2013 – Ninvestu fil-futur tiegħek.

(Budget Stmat: €2,233,429.00 mingħajr V.A.T.).

Sal-10.00 a.m. tat-TLIETA, is-16 ta' Marzu, 2010, għal:

CT 031/2009 - Nru ta' Ref tal-Kuntratti, CT 2698/2009. Bini ta' *green roof* fl-*Animal After-Care Centre,* Ta' Qali – Ministeru għar-Riżorsi u Affarijiet Rurali.

CT 027/2010 - Contracts Ref No, CT 2661/2009. Supply of vegetables – Department of Health. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 11th January 2010.

CT 028/2010 - Contracts Ref No, CT 2702/2009. Supply of cheese – Department of Health. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 12th January 2010.

CT 029/2010 - Contracts Ref No, CT 2703/2009. Supply of bread – Department of Health. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 12th January 2010.

CT 030/2010 - Contracts Ref No, CT 2660/2009. Supply of eggs – Department of Health. A fee of €100.00 will be charged for each copy of tender document.

The EU Contract Notice was dispatched on 12th January 2010.

CT/A/005/2010 - Contracts Ref No, CT 2733/2009. Supply, delivery and installation of various items of furniture for the new IT Services Building – University of Malta. A copy of the tender document may be downloaded from the website http://www.contracts.gov.mt.

This is a Supply Notice under the International Open Tender Procedure. This tender is part-financed by the European Union under the European Regional Development Fund 2007-2013 – Investing in your future.

